MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 256/2012

**Appell Nru. 256/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Busuttil)**
**Vs**
**Paul Bartolo**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 521348 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Novembru, 2011, fil-jiem u xhur ta' qabel, qieghed b'mod kontinwu johloq inkonvenjent u danni lil kwerelant u lill-propjeta` ta' l-istess kwerelant, li tinsab fi Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta, permezz tat-trobbija ta' hamien li qed jinzammu mill-istess kwerelat gewwa l-fond li jinsab fi sqaq numru 1, fi Triq l-Isperanza, Mosta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju, 2012, li biha, ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi fil- 15 ta’ Mejju 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in
kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminahi ghamlet
interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi f’dan il-kaz l-appellat qed jigi mixli li holoq inkonvenjent lil Christian Mallia minhabba t-trobbija tal-hamiem u mhux bir-reat ta’ ragion fattasi kif stranament u erronjament qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Allura galadarba l-imputazzjoni mijiex dik ta’ ragion fattasi dan isegwi li ma huwa minnu xejn li l-Prosekuzzjoni kellha b’xi mod tipprova l-elementi tar-reat ta’ ragion fattasi!

Illi huwa ferm evidenti li l-Ewwel Qorti illiberat erronjament lill-appellat semplicement ghaliex hadet in konsiderazzjoni l-fatt li fic-citazzjoni hemm imnizzel l-artikolu tal-ligi zbaljat u cioe’ l-artikolu 85 tat- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li effettivament huwa dak li jirrigwarda r-reat ta’ ragion fattasi. Pero’ l-imputazzjoni fic-charge sheet mijiex dik ta’ ragion fattasi izda dik li l-appellat holoq inkonvenjent u jekk wiehed jara x’ghandu jkun fiha c-citazzjoni b’referenza ghall-artikolu 360(2) tal-Kap 9 dan jghid li

*c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-*
*fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi fil-fatt fl-ebda hin u fl-ebda mument dan l-artikolu tal-ligi ma jsemmi li fic-citazzjoni hemm bzonn li l-pulizija joqghodu jindikaw l-artikolu tat-ligi li johloq ir-reat/kontravenzzjoni. Ic-citazzjoni, kif ripetutament gie ritenut minn din l-Qorti, hi semplicement avviso di comparire u hu bizzejjed li jkun hemm dettalji ta' zmien, post,
hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista jifhem ta' x'hiex qed jigi mixli. Ghalhekk l-Ewwel Qorti lanqas biss kellha tikkunsidra l-artikolu imsemmi fic-charge sheet.

Ikkunsidrat.

L-appellat gie mharrek talli fl-1ta' Novembru, 2011 u fil-jiem u xhur ta' qabel b'mod kontinwu holoq inkonvenjent u danni lill-kwerelat permezz ta' hamiem illi qed jinzamm mill-istess imputat gewwa l-fond Sqaq 1, Triq l-Isperanza l-Mosta. Fuq il-komparixxi hemm miktub Artiklu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti fis-Sentenza tat-8 ta' Mejju, 2012 illiberat lill-appellat peress illi dehrilha illi gie ndikat Artiklu tal-Ligi hazin u dana 'l ghaliex il-kaz ma jaqax taht ir-reat ta' ragion fatta si kif indikat fil-komparixxi.

L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju principali tieghu huwa illi l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellat fuq zball fil-komparixxi peress li dan l-izball ma jorbotx lill-Qorti illi ghandha minn naha taghha tfittex illi tuza l-Artiklu tal-Ligi korrett.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 360 (2) tal-Kap 9 jghid x'ghandu jkun fih citazzjoni u cioe' "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-*

*persuna mharrka u ghandu jkun fiha, fil-qosor, l-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularjiet u ta'zmien u ta' lok li jkunu jenhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk persuna mharrka tonqos illi tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-Qorti fil-jum illi jkun imsemmi fil-mandat."* F'dan l-Artiklu imkien ma hemm imsemmi illi fic-citazzjoni ghandu jitnizzel l-Artiklu tal-Ligi illi tieghu l-imputat ikun qieghed jigi mixli bih. Dana apparti l-fatt illi c-citazzjoni sservi biss bhala *"avvizo a comparire"* u sabiex l-imputat ikun jaf ezatt x'ghandu jwiegeb. Fil-kawza Il-Pulizija kontra Benny Zaffareze et deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar, 1995 il-Qorti qalet "*L-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda ma tispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithallew barra dana bl-ebda mod ma jgib in-nullita tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna ndikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe' li sservi ta' "avvizo a comparire" tkun giet ezawrita."* F'dan il-kaz l-ewwel Qorti dehrilha illi fic-citazzjoni kellha tindika wkoll b'mod car l-Artiklu tal-Ligi illi l-imputat ikun tenut li jwiegeb. Din il-Qorti taghmilha cara li dana mhuwiex rekwizit tal-Ligi. Huwa obbligu mitfuh fuq spallejn il-Gudikant illi meta jigi biex jaghti s-Sentenza jikkwota l-Artiklu tal-Ligi illi tahtu l-imputat ikun gie misjub hati. Izda Artiklu tal-Ligi miktub fuq il-komparixxi bl-ebda mod ma jorbot lill-Gudikant illi ghandu jaccerta ruhu li l-Artiklu jkun korrett u jekk ma jkunx, jindika l-Artiklu korrett fis-Sentenza tieghu. Zgur pero' illi ma jistax jillibera sempliciment fuq il-fatt illi kien hemm zball fl-Artiklu ndikat fil-komparixxi, aktar u aktar meta l-Ligi stess ma tghidlekx illi fic-citazzjoni ghandu jitnizzel tali Artiklu. Ghalhekk fuq dan il-punt din il-Qorti jidhrilha illi l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoq illi jkun milhuq u fil-waqt illi thassar u tirrevoka s-Sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu peress illi l-participanti kollha xehdu quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat.

Irrizulta illi Christian Mallia ghandu xi propjeta vicin dak ta' l-appellat u xehed illi jaf illi l-appellat irabbi l-hamiem u qed jikkawza inkonvinjent kbir fuq il-propjeta ta' Christian Mallia. Terga l-appellat ma joqghodx fil-fond fejn izomm il-hamiem u jhallih biss biex irabbi l-hamiem u jmur joqghod f'post iehor. Mallia jilmenta illi l-hamiem jinzel fuq il-propjeta tieghu u jhammgu. Mallia xehed illi huwa ilu joqghod fil-fond 9 xhur u kien jaf illi fil-fond adjacenti kien hemm il-hamiem. Ilment iehor gej minn Emanuel Mallia illi ghandu fond appogg mal-propjeta ta' l-appellat. Jaf illi l-appellat izomm il-hamiem fil-kmamar tal-bejt u meta jifthilhom il-hamiem jigi fuq il-propjeta ta' Emanuel Mallia u jhammgu u dak huwa l-inkonvinjent. Ikkonferma illi meta bena kien jaf illi hemm il-hamiem ghax l-appellat kien diga qed irabbi l-hamiem qablu. Tania Gatt toqghod vicin u ghandha terrazzin fuq il-loft ta' l-appellat u xi erba' darbiet kulljum l-appellat jiftah il-loft u l-hamiem jigi fuq it-terrazzin taghha u jhammeg. L-appellat Paul Bartolo xehed illi ilu jrabbi l-hamiem 40 sena u fl-inhawi hemm 7 ohra dilettanti tal-hamiem tat-tigrija. Innega li l-hamiem tieghu jmur fuq il-bjut ta' haddiehor peress illi meta jirritornaw mit-titjira taghhom il-hamiem jidhol dritt ghall-loft tieghu.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu l-appellat qieghed jargumenta illi huwa kien qieghed f'dan il-fond minn qabel ma gew il-kwerelanti u ghalhekk dawna kienu jafu ghal xiex huma dehlin u ma jistghux issa jilmentaw illi l-hamiem qed ikun ta' inkonvenjent ghalihom. Bir-rispett din il-Qorti ma tabilx xejn ma dan l-argument. L-inkonvenjent tan-nies jigi qabel id-delizzju ta' l-appellat u jekk dan ilu hemm hekk zmien twil altru li kellu zmien bizzejjed sabiex jassigura illi d-delizzju tieghu ma jkunx ta' inkonvenjent ghal haddiehor. Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-hamiem ta' l-appellat jmorru fuq il-propjeta ta' terzi u jikkawzaw dannu bil-hmieg taghhom. M'humiex il-hamiem illi huma l-problema izda l-hmieg taghhom u l-appellat ghandu jaghmel minn kollox sabiex jassigura illi l-hamiem ma jhammgux fuq il-propjeta ta' haddiehor. Jekk l-appellat m'ghandux it-tali kontroll allura jrid jaghmel mezz fejn jitrasporta l-hamiem banda ohra fejn ma jkunx ta'

inkonvenjent ghal pubbliku. Is-sahha u l-inkoluminita tan-nies jigu qabel id-delizzju ta' dak li jkun. U fil-waqt illi l-Qorti tirrikonoxxi illi t-trobbija tal-hamiem, specjalment dawk tat-tigrija jaghtu hafna sodisfazzjon lil dak li jkun dana ma jfissirx pero' illi dana s-sodisfazzjon irid ikun a skapitu ghas-sahha u s-sigurta tan-nies fil-vicin.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-kwerelanti ppruvaw il-kaz taghhom u jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellat b'mod kontinwi holoq inkonvinjent u danni lill-kwelelant u lill-propjeta tieghu illi tinsab fi Triq il-Mithna l-Qadima, l-Mosta u dana permezz ta' trobbija ta' hamiem li qed jinzamm mill-istess appellat gewwa il-fond fi Sqaq Numru 1 fi Triq l-Isperanza, Mosta.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 251A tal-Kap. 9 issib lill-appellat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal multa ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------